MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Numru. 998/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
*OMMISSIS IMPUTAT*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Ommissis imputat*, ta' 36 sena, iben ommissis, imwieled Tal-Pieta' f' ommissis, residenti ommissis u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru ommissis.

Illi huwa akkuzat talli f'omissis residenza f'dawn l-ahhar disa' xhur u cioe' bejn ix-xahar ta' Dicembru, 2005 u x-xahar ta' Settembru, 2006, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'eghmil zieni, kkorrompa lill-imsemmija *omissis minor* li hija persuna taht l-eta` u liema delitt sar b'theddid jew b'qerq;
2) Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil l-istess minorenni jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal minorenni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet x- xhieda bil-Gurament ;

Rat d-dokumenti ezebiti fl-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikolu elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' issib htija fl-imputat (ara fol 112);

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-Ewwel (1) ta' Dicembru 2008;

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-Imputat tal-Jannar 2009;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, referebbilment ghax-xhieda tal-Ispettur Anthony Cassar (ara fol 17 et seq) jirrizulta illi fit-18 ta Settembru 2006, il-Pulizija tal-ghassa ta' Bormla gew infurmati illi kien gie rregistrat rapport minn certu *omissi minor* ta' himistax (15) il-sena illi hija kienet giet molestata sesswalment mill-imputat *Ommissis imputat*, l-gharus ta' ohtha matul d-disa' xhur antecedenti.

*Ommissis minor* infurmat lill-Pulizija li l-imputat kien jkollu kongungiment karnali kontra r-rieda taghha b'frekwenza ta

xi erbgha darbiet fil-gimgha. Minhabba li *omissis minor* kienet mbezza mill-imputat hija qatt ma kixfitu mal-awtoritatjiet. *Omissis minor* infurmat lill-pulizija li fix-xahar ta' Mejju, kienet sabet ruhha wahedha fid-dar ghajr ghall imputat li ghal darba ohra kien sfurzaha biex jkollha x`taqsam mieghu sesswalment. *Omissi Minor* infurmat lill-pulizija li kienu garrew ghall-dar ohra f`omissis residenza fejn allura hija kellha kamra tas-sodda ghar-rasha, izda xorta wahda *Ommissis imputat* baqa jippersegwitaha w allura kienet ghamlet kuragg u qalet lill *omissis sister* li kienet l-gharusa tal-imputat. Dan gie mkecci mid-dar u sar-rapport lill-pulizija.

L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqqarija – Dok RAX. L-imputat stqarr illi kien vera illli kellu kongungiment karnali ma *omissis minor* izda dawn graw f`zewg okkazjonijet bejn Dicembru 2005 u Settembru 2006 fid-dar ta' omissis residenza, u li fiz-zewg okkazjonijiet l-minuri kienet konsenti. Fl-istqarija Dok RAX l-imputat ammetta li kien jaf li *omissis minor* kienet taht it-tmintax (18) il-sena.

PS19 Jesmond Farrugia a fol 21 ikkonferma l-istqarrija tal-imputat.

*Ommissis mother* a fol 23 et seq kkonfermat l-Kwerela u xehdet illi l-ghada tal-festa tal-Isla, bintha infaqqhet tibki u qaltilha li kienet qed thossha prigunierha f'darha ghaliex l-Imputat kien taghha fastidju tant li ma setghetx toqghod bih. *Omissis mother* kkonfermat li bintha l-kbira –omissis sister- kienet ilha sena gharusa mal-imputat li kien jqatta gimghat twal jorqod u jqum ghandha.

*Omissis mother* xehdet li bintha *omissis minor* qaltilha li l-imputat kien jsegwiha mad-dar kollha, jqajjimha bil-lejl, jordnalha torqod minghajr hwejjeg ta' taht. *Omissis mother* ddiskriviet kif inbidel l-karratru ta' bintha *omissis minor* li saret nervuza hafna. In kontro ezami, *omissis mother* xehdet li *omissis minor* qaltilha li hija ma kienetx konsenti ghal dak li kien jigri bejnha u l-imputat.

*Omissis mother* xehdet illi bintha *omissis minor* kellha gharus li kienet ilha mieghu ghall-sena u tmien xhur u li

x’aktarx kellha x’taqsam mieghu. Dan kien joqoghod ghandhom ukoll.

In kontro ezami *omissis mother* xehdet illi ghal rigward tal-imputat hija qatt ma rat xi haga li ghajnha ghokritha minnu.

*Omissis minor* ta’ (16) sittax il-sena xehdet a fol 31 illi kellha tlett ahwa ohra, *omissis brother, omissis brother* u *omissis sister* u li f’dar il-genituri taghha kienu jghixu hija u *omissis sister*, l-imputat u *omissis boyfriend.* *Omissis minor* xehdet illi l-abbuz sesswali beda ghal habta tal-Milied tal- 2005 meta l-imputat mess il-warrani taghha. Xi zmien wara dahal f’kamritha meta kienet ghadha kemm stenbhet, qabad u ghollielha l-flokk. *Omissis minor* xehdet li l-imputat “immuntani” b’dan il gest. *Omissis minor* xehdet illi darba ohra kien dahhal idejh taht il-flokk u qabdilha sidirha (fol 36), *omissis minor* xehdet li dawn l-azzjonijet ghamluha nervuza u “hassejt dwejjaq kbar”. *Omissis minor* xehdet li dan it-tbaghbis baqa jsehh kemm fid-dar omissis residenza kif ukoll fid-dar omissis residenza. *Omissis minor* xehdet illi darba ghajtilha fis-salott beda jbaghbasha u spicca jkollu x`jaqsam maghha sesswalment u dan minhabba li hija kienet tifla bezziegha u ma kienetx taf tieqaflu. *Omissis minor* xehdet li l-imputat kien nezzaha bil-mod, ma sawwatiex, u ma carrat ebda parti ta hwejjigha.

*Omissis minor* xehdet ili l kongungiment karnali ma l-imputat ma kienx l-ewwel wiehed il ghaliex hija kienet esperjenzat dak kollu mal-boyfriend taghha. Illi apparti din l-okkazjoni *omissis minor* xehdet (fol 43) illi l-imputat kellu x’jaqsam maghha ukoll fuq il-mejda tal-kcina. F’din l-okkazjoni l-imputat beda jiffitta lil *omissis minor* biex jkollu x’jaqsam maghha, tefaghha fuq il-mejda tal-kcina beda jnezzahha u hija terga’ ttella’ il-hwejjeg u kellu kongungiment karnali maghha izda ma damux il-ghaliex hija baqghet tghidlu biex jieqaf.

A fol 44 *omissis minor* rrakontat kif baqa jiffittaha biex jkollhom x`jaqsmu, u imbaghad accetta li hija timmasturbah.

Dakinhar meta rritornat ommha *omissis minor* nfexxet tibki u widdbet lill-ommha biex ma thallihiex wahedha ma` l-imputat. F’okkazjoni ohra *omissis minor* xehdet li l-imputat beda jghidilha li ser jtieha l-flus halli tkun tista’ tixtri l-hwejjeg. Ftit wara ghamlet il-kuragg u qalet lil *omissis sister* b’ kollox (fol 45).

*Omissis minor* xehdet illi kienet thoss li kienet prigunierha f’darha u kienet tippreferi torqod mal-art fuq quilt fil-kamra ta’ ommha sabiex l-imputat ma jimmolestahiex matul il-lejl. In kontro ezami *omissis minor* xehdet li qabel ma bdew jsehhu dawn l-incidenti hija kienet tingwalahha mal-imputat. Hija xehdet illi l-boyfriend taghha kien jorqod darba kull hmistax. Hija xehdet illi kien jkollha x‘taqsam mal-boyfriend taghha darbtejn fil-gimgha. A fol 50 *omissis minor* xehdet illi qatt ma hajret lill-imputat biex ikollu kuntatt sesswali maghha. *Omissis minor* spjegat a fol 51 sa 52 illi ebda kamra fid-dar ma kellha cavetta li tissakar ghajr ghall-kamra ta ommha u huha, izda dawk kienu jgorru c-cavetta fuqhom.

***Omissis minor* xehdet illi l-imputat ma sfurzahiex bi vjolenza izda bil-fittagni.** Ommissis minuri nnegat li kienet tiggosta lill-imputat. *Omissis minor* xehdet **illi hija qatt ma sofriet xi griehi f’dawn r-relazzjonijiet intimi** u li hi min-naha taghha **qatt ma aggrediet lill-imputat**. Ara fol 57

L-Ispettur Raymond Aquilina a fol 67 et seq ikkonferma x–xhieda ta’ l-Ispettur Anthony Cassar u ezebixxa z-zewg stqarrijiet tal-imputat. Fl-istqarija tieghu l-imputat waqt li ammetta li kellu kongungiment karnali ma *omissis minor*, xehed illi dan sehh bil-volonta` taghha. Huwa stqarr li *omissis minor* kienet tinza il-hwejjeg meta kellhom x’jaqsmu u nnega illi kien ikun huwa li jnezzaghha. Huwa stqarr illi darba minnhom *omissis minor* harget fit 3:50 a.m. tiltaqa’ ma certu *Ommissis friend* waqt li l-boyfriend taghha kien rieqed d dar. L-Ispettur Anthony Cassar a fol 51 kkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Fix-xhieda taghha a fol 83, *omissis mother* xehdet li xtaqet tahfer lill-imputat, kif riedet taghmel bintha li xehdet bl-istess mod a fol 94.

PS 177 Carmelo Bonello kkonferma r-rapport ta' *omissis minor* tat-18 ta' Settembru 2005.

*Ommissis sister* kkonfermat il-prezenza taghha meta *omissis minor* marret tirregistra r-rapport fl-ghassa *Ommissis sister* kkonfermat illi hija kienet ghamlet rapport fuq l-imputat xi xhur qabel ghaliex kien kissrilha l mobile.

L-Ispettur Aquilina xehed a fol 106 ghal fini ta' bdil tal-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja.

Dr. Charles Azzopardi, psikjatra, kkonferma li l-imputat qieghed jattendi ghall-terapija ghandu w informa lill-Qorti dwar l-personalita` tal-imputat, eskluda l-psikosi izda qal li ma kienx ghamel assessment profond fuq l-imputat.

Bernard Caruana, psikologu tkellem fuq il-passat tal imputat, kif kellu dipendenza fuq id-droga, kif ghamel programm ta rehab u baqa` "clear". Xehed ukoll dwar li inhibitions naturali li familja s-soltu jkollha, kienu nieqsa fil-familja ta' Bonnici, fejn kien joqghod l-imputat u zaghzugh barrani iehor.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat ai termini tal-Artikolu 203 u 251 A tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-genitur kif ukoll il-minuri ghazlu li jirtiraw il-kwerela.

L-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi:

***"<u>Ma jistghux</u> isiru proceduri kriminali <u>hlief fuq talba tal-parti privata</u> f'ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin:***
***a) stupru vjolenti***
***b) serq tal-persuna***
***c) attentat vjolenti ghal pudur."***

L-Arikolu 544 jkompli jaghti cirkostanzi fejn certi reati kontemplati fis-subinciz a), b) u c) l-azzjoni kriminali tintrefa minn idejn il-privat u terga tinghata f'idejn il-pulizija. Dawn ic-cirkostanzi ser jigu diskussi aktar 'il quddiem.

L-azzjoni kriminali, fir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, bhal dak ta' stupru vjolenti, huwa wkoll mholli f'idejn il-privat.

Infatti, l-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

***Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:***
***Izda, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn wahda mic-cirkostanzi ta' fatt jew ta' persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (c), il-kwerela ma tkunx izjed ammissibli wara sena minn dak in-nhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd taghmel il-kwerela minflok il-parti offiza:***
***Izda, ukoll, jitmexxa ex officio –***
***(a) fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso ta' l-artikolu 544;***
***(b) meta l-eghmil isir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur.***

Artikolu 203 apparti li jaghti s-seta' lill-parti privata biex tistitwixxi l-proceduri, jaghmel zewg eccezjonijiet jew *provisos:*

L-ewwel eccezzjoni jew *proviso*:

(1) Li fejn reat ta' korruzzjoni huwa semplici (cioe mhux aggravat bic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 203 (1) a, b, c), t-terminu ghal prosekwiment ta' l-azzjoni kriminali huwa qasir – u cioe' sena u gurnata mill-incident jew mill-gharfien tal-incident minn min hu intitolat jintavola l-kwerela.

It-tieni eccezzjoni jew *proviso*:

a) Fil-kazijiet mmarkati fil-provisio ta’ 554 – u cioe’:
a) stupru vjolenti
b) serq tal-persuna
c) attentat vjolenti tal-pudur.
b) Fejn l-eghmil isir b’abbus tas-setgha tal-genitur u tutur.

Huwa rilevanti ghal dan il-kaz, li l-Qorti tissoleva l-fatt illi z-zewg provisios tal-Artikolu 203 (3) huma **__maghqudin__** permezz ta’ zewg ‘*colons*’ u z-zewg provisios jikkwalifikaw il-**premessa ewlenija** – cioe t-tmexxija tal-proceduri kriminali fuq l-istanza tal-privat.

Ghalhekk tohrog il-mistoqsija krucjali ghal dan il-kaz. F’kaz ta’ reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat bic-cirkostanzi indikati fl-Artikolu 203 (1) (a) (b) u (c), **min ghandu jmexxi l-proceduri kriminali**? Il-privat jew il-pulizija? Ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat bl-Artikolu 203 (1) (a) (b) u (c) u l-kazijiet indikati fl-Artikolu 544 **jikkostitwixxu a *double hurdle*** kontra t-tmexxija tal-proceduri mill-privat, jew ghandhom jigu **interpretati indipendentement** wiehed mill-iehor?

Il-Qorti wara konsiderazzjoni fit-tul u konxja tal-fatt li fil-kamp kriminali l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun wahda ristrettiva, waslet ghall-konkluzjoni li l-*provisos* ma jistghux hlief jigu interpretati indipendentement.

Il-punt krucjali li jxaqleb il-bilanc tal-gudizzju favur interpretazzjoni indipendenti tal-provisos huwa s-selezzjoni fl-ahhar proviso tal-aggravanti tal-axxendent u tutur fost l-aggravanti li hu elenkat l-aggravat 203 1(c).

Illi ghalhekk ghar-rigward tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat – u cioe` l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat tipprevali r-rinunzja tal-genituri Bonnici, **hlief jekk jirrizultaw cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 544**.

Il-Qorti trid tezamina wkoll kemm ‘il darba l-istanzi indikati fl-Artikolu 544 jimmilitawx kontra r-rinunzja tal-genituri.

Infatti, l-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

***Ma jistghux isiru proceduri kriminali, hlief fuq talba tal-parti private, f’ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) stupru vjoleni;***
***(b) serq ta’ persuna;***
***(c) attentat vjolenti ghall-pudur;***
***(d) serq ta’ elettriku u reati taht l-artikolu 326(1)(c) (e) u (f);***

***Izda, meta xi wiehed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 ta’ l-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti private;***

***Izda wkoll meta fil-kaz ta’ delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti private, id-dispozizzjoni tat-tieni proviso ta’ l-artikolu 543 (e) ghandhom japplikaw ukoll ghal dak il-kaz.***

Fil-kaz in ezami ma tezisti ebda xrara ta’ evidenza li r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat twettqu bi vjolenza pubblika ai termini ta’ Artikolu 63 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-fatti jiddimostraw li l-imputat kien wahdu meta ghamel dak li ghamel mal-minuri u ma uza ebda arma jew vjolenza fizika biex jiffacilita kommissjoni tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni.

Lanqas ma hemm evidenza li l-imputat issekwestra lill-minuri – rabatha jew sakkarha – wisq anqas ma jirrizulta illi r-reati saru f’post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku. Ix-xhieda turi li r-reati mistmerrija twettqu f’dar residenzjali tal-familja Bonnici. (vide Pul vs. Gregory sive

Godwin Scriha – Appell Kriminali deciz 19.2.1997 u Pul vs. Omisses – Appell Kriminali deciz 5.6.2003)

Infatti fis-Sentenza Il-Pulizija vs. Toni Bezzina, deciz mill-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1952, per Judge Harding:

"*Ir-rinuzja ghall-kwerela f'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni ma tippermix l-azzjoni, meta l-attijiet ta' korruzzjoni jkunu saru f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku; ghax f'dan il-kaz ir-reat ikun prosekwibbli "ex officio.""*

Di piu`, fil-kaz Il-Maesta tar-Regina vs. Mikiel Azzopardi deciz fl-20 ta' Ottubru 1953 mill-Appell Kriminali gie a tenut:

*"Jekk fuq akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni bhala kommessa f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, il-gurati jaghtu verdett ta' pieta'* ***minghajr*** *il-kwalifika tal-post pubbliku, r-reat ikun procedibbli bi kwerela tal-parti offiza li hija rinunzjabbli. Ghalhekk . . . . . dik ir-rinunzja atteza l-inesistenza tac-cirskostanza ta' post pubbliku jew espot ghall-pubbliku, . . . . iggib l-improcedibilita' tal-azzjoni . . . ."*

Vide anke Pulizija vs. Kelinu Mifsud, deciza mill-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1955 per Judge Harding:

*"Meta l-atti ta' korruzzjoni ta' minuri jsiru f'post pubbliku, hemm l-element ta' pubblicita' li jirrendi inesperattiva r-rinunzja ghall-kwerela."*

Fis-Sentenza Pulizija vs. Gerald Buttigieg deciza mill-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar 1955 per Judge Harding gie ppronunzjat s-segwenti:

*"Dar mhix post pubbliku, la mix-xorta taghha u lanqas minhabba destinazzjoni. U jekk jithalla bieb ta' barra miftuh, d-dar lanqas tista' titqies post pubbliku b'accidentalita' … Kieku minn xi apertura ezistenti fid-dar xi hadd mill-pubbliku seta' jara facilment dak li kien qieghed isir ghad-dar, allura forsi wiehed kien talvolta*

*jista’ jikkontempla soluzzjoni fis-sens li d-dar saret post pubbliku b’accidentalita’, salv konsiderazzjonijiet ohra; imma fl-assenza ta’ din il-possibilita’ d-dar tibqa’ post mhux pubbliku. U jekk f’kaz simili, tigi prodotta rinunzja ghall-kwerela, ma tirrikorrix ebda wahda mic-cirkostanzi li skont il-ligi, jirrendi dan ir-reat persekwibbli “ex officio”, ma jkunx hemm aktar lok ghall-prosekuzzjoni tar-reat.”*

Huwa kwazi superfluu li jinghad li l-imputat ma kellu ebda seta ta’ setgha ta’ genitur meta wettaq ir-reati ta’ korruzzjoni ta’ minuri fuq *omissis minor* u ghalhekk l-ghemil tieghu qatt ma seta’ sar b’abbuz ta’ din is-setgha; lanqas ma jirrizulta li kien tutur tal-istess minuri.

Irid jinghad f’dan l-istadju illi l-Artikolu 545(1) jirritjeni illi meta azzjoni ma tistax titmexxa hlief b’talba tal-parti privata, l-kwerelant jista’ **f’kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali,** jirrinunzja ghall-kwerela li hu jkun ga ghamel.

Illi ghal dawn il-motivi, u ammess li r-rinunzja tal-genituri Bonnici kif indikata u kif konfermata bil-gurament quddiem l-istess Qorti, hija inekwivoka, car u minghajr kondizzjoni ai termini tas-Sentenza Pulizija vs. Victor Vella fl-Appell Kriminali, deciza fil-15 ta’ Novembru 1996, din il-Qorti m’ghandiex alternattiva ghajr li tiddikjara ghar-rigward ta’ l-ewwel akkuza l-procediment ezawrit.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza ghalkemm dan ir-reat originarjament mahsub ghall sexual harrasment fuq il-postijiet tax-xoghol, l-avviz 251 A ma jaghmel l-ebda konfini jew b’xi mod jirristringi fejn u kif jista jsehh dan ir reat.

Illi mill-provi fuq indikati jirrizulta b’mod lampanti w ampju illi l-imputat ta fastidju sesswali b’mod sikkanti u repetut lill din it-tfajla ta’ 15 il-sena waqt li kien ospitat fid-dar ta’ ommha. Il-minuri titkellem repetutament li kienet thossha ‘hounded’ tant li kienet tippreferi torqod mal-art fil-kamra taghha milli toqghod komda f’sodditha bil-biza li ser tigi molestata mill- imputat.

Il-kongungiment karnali huwa l-apice tal-fastidju sesswali – kif inhu l-kolmo ta’ “atti di libidine” f’reat ta’ korruzzjoni ta’ minuri.

Ma jidhirx illi dan ir-reat huwa rinunzjabbli u ghalhekk ir-rinunzja ta’ *omissis minor* tallieva lill-imputat biss ghal dak li jirrispekkja r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minuri izda mhux dak ta’ fastidju ta’natura sesswali.

Illi di piu`, l-imputat ma ressaq ebda prova fid-difiza tieghu sabiex jirribatti b’xi mod illi l-imgieba tieghu kienet “dovuta bi skop li jimpedixxi jew jikxef xi delitt. Ebda prova ma ngabet illi turi illi l-ghemil tieghu “kien dovut taht xi ligi”, “jew biex jikkonformi ruhu ma’ xi kondizzjoni jew htiega esposta minn xi persuna taht xi ligi”; certament lanqas ma kienet wahda ragonevoli.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li in vista tar-rinunzja tal-minuri *omissis minor* u ta’ ommha *omissis mother*, tiddikjara li fil-konfront ta’ l-ewwel akkuza l-procediment hu ezawrit.

Ghal rigward it-tieni akkuza il-Qorti ssib lill-imputat *Ommissis imputat* hati u wara li rat Art.251A, 28A sa 28G ta’ Kap 9 tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin; tqeghdu taht Supervision Suspended Order ghal tlett (3) snin u ai termini ta’ l-Art.7 Kap 446 tqeghdu taht Treatment Order taht il-kura ta’ u fid-diskrezzjoni kompleta tal-Psikologu Bernard Caruana ghal tmintax (18)-il xahar, li ghandu pero`, jhejji session mal-imputat ghall-inqas darba fix-xahar. Il-Psikologu Caruana ghandu jhejji rapport tal-progress ta’ l-imputat kull sitt (6) xhur ghall-Qorti u jinforma lill-istess Qorti kemm-il darba l-imputat jonqos jew jirrifjuta li jiehu jew jkompli bit-trattamenti ordnati f’din is-Sentenza.

Il- Qorti tordna li kopja ta’ din is- Sentenza tigi komunikata lid- Direttur tal-Probation Services u lil Psikologu Bernard Caruana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------